IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.2.2024
COM(2024) 66 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ġie adottat fl-2004. Daħal fis-seħħ fl-20 ta' Mejju 2004 u beda japplika mill-1 ta' Jannar 2006.

Ir-Regolament issostitwixxa l-korp sħiħ ta' leġiżlazzjoni armonizzata dwar is-saħħa pubblika (16-il direttiva) u jipprevedi regoli aktar sempliċi u aktar flessibbli, filwaqt li jiżgura approċċ ibbażat fuq ir-riskju u r-responsabbiltà tal-operaturi tan-negozji tal-ikel għas-sikurezza tal-prodotti tagħhom.

Ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta għadd ta' atti delegati. Jimponi wkoll fuq il-Kummissjoni l-obbligu li tirrapporta lill-koleġiżlatur dwar l-eżerċizzju tas-setgħat delegati li jkun fiha.

2. BAŻI ĠURIDIKA

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 11a(2) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Skont din id-dispożizzjoni, is-setgħa li tadotta atti delegati dwar il-kwistjonijiet elenkati fiha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mis-26 ta' Lulju 2019 u l-Kummissjoni hija meħtieġa tħejji rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin.

Kif stabbilit fl-Artikolu 11a(2), il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 3(2), 8(3), il-punt (a), u 10(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

L-Artikolu 11a(2) ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi li d-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu, filwaqt li l-Artikolu 11a(3) jiddikjara li d-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 3(2), 8(3), il-punt (a), u 10(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħat delegati tagħha billi adottat l-atti delegati li ġejjin, bl-użu tas-setgħa skont l-Artikolu 10(1):

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2192 tas-7 ta' Diċembru 2020 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-marka ta' identifikazzjoni li għandha tintuża għal ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq[1];
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1374 tat-12 ta' April 2021 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina

[1] ĠU L 434, 23.12.2020, p. 10.

mill-annimali[2] fir-rigward tal-ġobon, il-qatla b'emerġenza, il-biċċeriji mobbli, l-iffriżar tal-laħam...

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2258 tad-9 ta' Settembru 2022 li jemenda u jikkoreġi l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali fir-rigward tal-prodotti tas-sajd, tal-bajd u ta' ċerti prodotti raffinati ħafna, u li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 fir-rigward ta' ċerti molluski bivalvi[3];
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/166 tas-26 ta' Ottubru 2022 li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Franċiża tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali[4] fir-rigward tan-nuqqas ta' obbligu li l-istonku jitbattal, jinstamat jew jiġi bbliċjat.

L-għoti tas-setgħa skont l-Artikolu 3(2) ma ntużax matul il-perjodu ta' rappurtar peress li ma saret l-ebda talba lill-Kummissjoni biex tiġi awtorizzata sustanza oħra għajr l-ilma tajjeb għax-xorb biex titneħħa l-kontaminazzjoni tal-wiċċ mill-prodotti li joriġinaw mill-annimali b'opinjoni favorevoli tal-EFSA.

L-għoti tas-setgħa skont l-Artikolu 8(3), il-punt (a), ma ntużax matul il-perjodu ta' rapportar minħabba li ma kienx hemm bżonn li jiġu adattati r-rekwiżiti dwar il-garanziji speċjali.

L-għoti tas-setgħa skont l-Artikolu 10(2) ma ntużax matul il-perjodu ta' rapportar minħabba li ma kienx hemm bżonn li jingħataw derogi mill-Annessi II u III.

Il-Kummissjoni bħalissa qed tħejji Regolament Delegat li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għal ċerti laħam, prodotti tas-sajd, prodotti tal-ħalib u bajd.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tara l-ħtieġa li testendi s-setgħat mogħtija lilha skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004, f'konformità mal-Artikolu 11a(2) ta' dak ir-Regolament, peress li jista' jkollha taġixxi fl-oqsma rispettivi fil-futur. L-estensjoni tad-delega tas-setgħat se tkun partikolarment importanti biex tipprovdi l-flessibbiltà meħtieġa ta' dan il-qafas legali, biex tikkumplimentah u taġġustah regolarment, filwaqt li titqies b'mod partikolari l-esperjenza miksuba mill-operaturi tan-negozju tal-ikel jew mill-awtoritajiet kompetenti, l-esperjenza miksuba mill-Kummissjoni, l-iżviluppi teknoloġiċi, il-pariri xjentifiċi u l-bidliet fix-xejra tal-konsum. B'dan ir-rapport, il-Kummissjoni tikkonforma mar-rekwiżit ta' rappurtar skont l-Artikolu 11a(2) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

[2] ĠU L 297, 20.8.2021, p. 1.
[3] ĠU L 299, 18.11.2022, p. 5.
[4] ĠU L 24, 26.1.2023, p. 1.